

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentanti: B. Majczyna u K. Majcher, aġenti, assistiti minn T. Warchoł, ekspert)

Dispożittiv

- 1) Billi naqset milli tadotta l-miżuri neċċessarji biex tiggarantixxi l-indipendenza organizzattiva u tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-entità investigattiva fir-rigward tal-impriża tal-linji tal-ferrovija u l-manager tal-infrastruttura kkontrollati mill-Ministru għat-Trasport, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 21(1) tad-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fuq l-għoti tal-liċenzi tal-impriża tal-linji tal-ferrovija u d-Direttiva 2001/14/KE fuq l-allocazzjoni tal-kapaċitā tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar tal-piżżejjiet għall-użu tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà (Direttiva dwar is-Sigurtà Ferrovjarja).
- 2) Ir-Repubblika tal-Polonja hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 14, 16.1.2017

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-12 ta' ġunju 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Østre Landsret – id-Danimarka) – A/S Bevola, Jens W. Trock ApS vs Skatteministeriet

(Kawża C-650/16) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 49 TFUE — Taxxa fuq il-kumpanniji — Libertà ta' stabbiliment — Kumpannija residenti — Profitt taxxabbi — Tnaqqis fiskali — Tnaqqis tat-telf imġarrab minn stabbilimenti permanenti residenti — Awtorizzazzjoni — Tnaqqis tat-telf imġarrab minn stabbilimenti permanenti mhux residenti — Esklużjoni — Eċċeazzjoni — Sistema fakultattiva ta' integrazzjoni fiskali internazzjonali)

(2018/C 276/04)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

Qorti tar-rinvju

Østre Landsret

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: A/S Bevola, Jens W. Trock ApS

Konvenuti: Skatteministeriet

Dispożittiv

L-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, li teskludi l-possibbiltà, għal kumpannija residenti li ma tkunx għażżelet sistema ta' integrazzjoni fiskali internazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tnaqqas mill-profiti taxxabbi tagħha t-telf imġarrab minn stabbiliment permanenti li jinsab fi Stat Membru iċhor, meta, minn naħa, din il-kumpannija tkun eżawriet il-possibbiltajiet kollha ta' tnaqqis ta' dan it-telf mogħtija lilha mid-dritt tal-Istat Membru fejn ikun jinsab dan l-istabbiliment u meta, min-naħa l-oħra, hija tkun waqfet milli tirċievi kwalunkwe forma ta' dħul minn dan tal-aħħar, b'tali mod li ma tkun teżisti ebda possibbiltà li l-imsemmi telf ikun jista' jittieħed inkunsiderazzjoni fl-imsemmi Stat Membru, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinvju.

(¹) ĠU C 63, 27.2.2017